**FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. TONIO MALLIA LL.D.**

**Illum, il-Hamis, 13 ta' Gunju, 2002**

Citazzjoni Numru: **1317/93TM**

Numru**:**

**Dr Simon Micallef Stafrace bhala rappresentant tas-socjeta' Formosa & Camilleri Ltd. U din bhala agenti Malta tas-socjeta' Assikurattrici estera Guardian Royal Exchange Assurance plc surrogata fid-drittijiet ta' l–assigurat taghha Mizzi Brothers Limited**

vs

**James Gollcher u Karl Gollcher ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Gollcher Company Limited agenti Malta tas-socjeta' Gilnavi Societa di Navigazione S.R.L. Genova armaturi/proprjetarji tal-vapur "Robur", u l-istess socjeta' bhala operatrici ta' Bond privat Ricalosi u b'nota tal-11 ta' Novembru, 1993 Michael Chetcuti assuma l-atti tal-kawza bhala mandatarju specjali minflok James Gollcher u Karl Gollcher**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li biha l-attur nomine ippremetta illi l-assigurat ta' l-attur, Mizzi Brothers Limited, importat gewwa Malta fuq il-Vapur Robur konsenja ta' batteriji;

Ippremetta illi wara li waslet din il-merkanzija f'Malta fil-25 ta' Ottubru, 1992 u inhattet f'idejn is-socjeta' konvenuta fil-Bond Privat Ricasoli, l–assigurat ta' l-attur sab li l-merkanzija kellha in-nuqqasijiet kif spjegati fid-dokument A;

Ippremetta illi *ai termini* tal-polza ta' assikurazzjoni bejn l-attur nomine u l-assigurat tieghu hu kellu jindenizza lill-assigurat tieghu tal-hsarat u danni li gew lilu kawzati u b'hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet ta' l-istess assigurat;

Ippremetta illi l-attur nomine jikkwantifika il-hsarat u nuqqasijiet riporati fil-merkanzija ta' l-assigurat tieghu fl-ammont ta' elf, sitt mija u seba' u sebghin lira u tmenin centezmu (LM1677.88,0) inkluz f'din il-figura l-ammont ta' mitejn u sitta u hamsin lira bhala (LM256) *survey fee*;

Ippremetta illi l-konvenuti nomine huma responsabbli ghal dawn id-danni f'wahda jew ohra tal-kwalitajiet indikati.

Talab ghalhekk ighidu l-konvenuti nomine ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

i) Tiddikjara lill-konvenuti nomine f'wahda jew ohra tal-kwalitaijiet indikati responsabbli ghall-hsarat kagjonati fil-merkanzija ta' l-assigurat ta' l-attur nomine:

ii) Tillikwida d-danni sofferti mill-attur nomine fis-somma ta' LM1677.80,0;

iii) Tikkundanna lill-konvenuti nomine f'wahda jew ohra tal-kwalitajiet indikati ihallsu lill-attur nomine is-somma ta' LM1677.80,0 bhala danni sofferti mill-attur nomine li ghalihom huma responsabbli il-konvenuti nomine f'wahda jew ohra tal-kwalitajiet indikati. – kollox kif intqal u ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjes u interessi legali mid-data tal-pagament indikat fis-surroga fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi, kontra il-konvenuti nomine li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepixxew:

1) illi in kwantu t-talbiet attrici huma diretti kontra s-socjeta' Gollcher Company Limited, agenti Malta tas-socjeta Gilnavi Societa di Navigazione S.R. L.., jigi rilevat li mhuwiex car jekk l-attur qed iharrek lil Gollcher Company Limited *qua agent di proprio* jew bhala agent ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera Gilnavi;

(a) F'kaz li l-kawza qed tigi proposta kontra l-agent Gollcher Company Limited, jigi eccepit li l-agent ma kellu l-ebda funzjoni

fil-garr tal-merkanzija u ghalhekk ma ghandux relazzjoni giuridika ma' l-attur nomine.

(b) F'kaz li l-kawza qed tigi proposta fil-konfront tas-socjeta' estera Gilnavi Socjeta' di Navigazione S.r.L. jigi eccepit:

(i) illi l-attur ddekada mid-dritt ta' azzjoni ai termini tal-klawsola 17 (2) tal-Polza ta' Kariku.

(i) Subordinatament u minghajr pregiudizzju ghall-premess, il-konvenut mhuwiex responsabbli ghall-hsarat jew nuqqasijiet allegati.

(ii) Minghajr pregiudizzju ghall-premess, kwalunkwe responsabbilta li tista' tigi stabbilita fil-konfront tat-trasportatur hija limitata skond il-polza u skond il-ligi.

2. Illi in kwantu it-talbiet attrici huma diretti kontra s-socjeta' Gollcher Company Limited bhala operatrici tal-Bond privat f'Ricasoli, jigi eccepit illi bis-sahha tal-klawsola numru 6 (2) tal-Polza ta' Kariku huwa jibbenifika mill-istess drittijiet li ghandu t-trasportatur taht il-kuntratt tal-garr u ghaldaqstant:

(i) l-attur ddekada mid-dritt ta' azzjoni *ai termini* tal-klawsola 17 (2) tal-Polza ta' Kariku.

(ii) Subordinatament u minghajr pregiudizzju ghall-premess, il-konvenut mhuwiex responsabbli ghall-hsarat jew nuqqasijiet allegati.

(iii) Minghajr pregiudizzju ghall-premess, kwalunkwe responsabbilta' li tista' tigi stabbilita' fil-konfront tat-trasportatur hija limitata skond il-polza u skond il-ligi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat li l-Eccezzjoni numru 1(a) giet irtirata fis-seduta tat-22 ta' Frar, 1994;

Rat is-sentenza preliminari ta' din il-Qorti tat-28 ta' Marzu, 1996, u s-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tas-7 ta' April, 1998, li in forza taghha giet michuda l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotti u ezaminat id-dokumenti li gew esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirreferi ghall-konsenja ta' batteriji li giet importata hawn Malta fuq il-vapur "Robur" mill-assikurat tad-ditta attrici, Mizzi Brothers Ltd. Din il-merkanzija waslet Malta fil-25 ta' Ottubru, 1992,

gewwa *container*, u meta infetah il-*container* fil-Bond Stores tas-socjeta' attrici u fil-presenza ta' ufficcjal tad-Dwana istab li kien hemm xi hsarat f'xi *pallets* u xi pakketti fil-*pallets* nieqsa. Id-ditta konvenuta qed tinzamm responsabbli ghal dan in-nuqqas, kemm bhala agenti tal-vapur, kif ukoll bhala operatrici tal-Bond privat fejn il-*container* inzamm ghal xi sitt ijiem qabel ma infetah.

Is-socjeta' konvenuta, fil-vesti taghha ta' operatrici tal-Bond privat, isostni li sakemm il-*container* dam fil-Bond dan la iccaqlaq u lanqas infetah. Meta l-*container* nizel minn fuq abbord, il-container tpogga fil-bitha u baqa' hemm sakemm wara xi sitt ijiem infetah fil-presenza ta' rappresentant ta' l-importatur u ufficcjal tad-Dwana. Meta infetah giet konstetata l-allegata hsara.

L-istess socjeta' konvenuta, fil-vesti taghha ta' agent tal-vapur, tirrikonoxxi li, meta nfetah il-*container*, il-*covers* ta' xi *pallets* kienu mqatta u li xi pakketti kienu nieqsa, pero', issostni li ma rrizultax pruvat kemm il-pakkett kien hemm f'kull *pallet* meta dawn tghabbew fuq il-vapur. Hi ssostni li din il-prova soltu ssir permezz tal-*Bill of Lading,* izda, f'dan il-kaz, il-*Bill of Lading* tghid biss li gew mghobbija sitt *pallets*, izda dwar numru ta' pakketti f'kull *pallet* ma tghid xejn. Fil-fatt, klawsola fil-*Bill of Lading* tghid li "*number, quality, contents and value …. are to be considered <u>unknown</u> unless the contrary has been expressly acknowledged and agreed to*". Darba li, f'dan il-kaz, m'hawnx indikazzjoni tal-kwantita', m'hemmx prova ta' kemm-il pakkett kellu kull *pallet*, u, kwindi, m'hemmx prova ta' x'hemm nieqes.

Ghalkemm din is-sottomissjoni taghmel sens, dak li, fil-fatt, gie konsenjat abbord jista' jirrizulta pruvat mod iehor. (ara "Bezzina Wettinger vs Mizzi et noe" deciza mill-Onorevoli Qorti tal-Kummerc fil-11 ta' Novembru, 1985). F'dan il-kaz, fil-fatt, jinghad li s-sitt *pallets* kellhom toqol ta' 3,635 kgs. (fol 16) u mid-dokument tad-ditta taljana li esportat il-batteriji, jirrizulta li dak it-toqol hu ekwivalenti ghall-numru ta' pakketti ta' batteriji li kull *pallet* suppost kellha (ara fol 14). Dan id-dokument mahrug mid-ditta Duracell s.p.a. jindika li biex ikollok toqol ta' 3,635 kgs., irid ikollok tant il-pakkett, u jekk, allura, mill-*Bill of Lading* jirrizulta li, fuq il-vapur, tghabbew *pallets* li kienu jiznu 3,635 kgs, isegwi li dawk il-pallets kellhom tant pakketti li waslu ghal dak it-toqol. Dan id-dokument gie konfermat mill-importatur bhala rappresentanti l-ordni tieghu, u kwidni rrizulta l-ammont ta' pakketti li gew mghobbija fuq il-vapur u dan peress li, mill-*Bill of Lading*, hemm konferma da parti tal-vapur li hadet konsenja ta' tant pakketti li jwasslu ghat-toqol indikat.

Mhux hekk biss, izda l-*Bill of Lading* hija wahda "*clean*", u din, allura tindika li l-*pallets* gew mghobbija f'kundizzjoni tajba (ara "Mamo et noe vs Mifsud et noe" deciza mill-Onorabbli Qorti ta' L-Appell fil-5 ta' Gunju, 1987, u "Gatt noe vs Sciberras noe" deciza mill-Onorabbli Qorti ta' L-Appell fit-2 ta' Novembru, 1995), u la dabra l-vapur ma tax spjegazzjoni kif u ghaliex dawn il-*pallets* waslu Malta mqatta' u bin-nieqes, ir-responsabilita' ghal tali hsara trid tigi mixhuta fuq il-vapur. In-nuqqasijiet graw meta l-container kien f'idejn il-vettural u dana, bhala depositorju, huwa responsabbli li jikkonsenja l-merkanzija minghajr hsara. Kif qalet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza "Mamo et noe vs Mifsud et noe" decisa fil-5 ta' Ottubru, 1988, meta fil-*Bill of Lading* hemm indikat li l-merkanzija giet *"shipped in*

*apparent good order and condition"*, din tikkrea presunzjoni li l-merkanzija deskritta fil-polza giet karikata f'kondizzjoni tajba u ghandha tigi hekk skarikata. Il-fatt li l-merkanzija kienet f'*container* sigillat u li s-sigilli tieghu kienu intatti fil-mument ta' l-iskarikazzjoni, kompliet tghid dik l-Onorabbli Qorti, ma jaffettwax il-fatt li tghabbew tmien mitt (800) *cartons* (f'dak il-kaz) *"in good order"*. Darba li, bhala fatt, irrizulta li kien hemm xi uhud danneggjati u nieqsa, ghal dan ghandu jwiegeb il-vapur.

Fit-trattazzjoni tal-kawza saret riferenza mill-abbli difensur tal-konvenut ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Ottubru, 1999, fil-kawza fl-ismijiet "Cassar Pullicino noe et vs Lofaro noe et". Dik il-kawza kienet titratta ezami ta' *Bill of Lading* simili ghal dik meritu ta' din il-kawza u qalet li meta l-Qorti tkun rinfaccjata b'zewg stqarrijiet kontraditorji fuq l-istess *Bill of Lading*, il-prova probatorja ta' dak id-dokument jigi newtralizzat. Dik l-Onorabbli Qorti, pero', bl-ebda mod ma eskludiet li l-prova ta' x'effettivament itella' abbord tista' issir b'mod iehor, u mhux necessarjament bil-*Bill of Lading*; anzi, dan rrikonoxxietu meta, fis-sentenza, osservat li kieku kien hemm "prova addizzjonali", l-attur kien probabilment jiggustifika t-talba tieghu. F'dan il-kaz fil-fehma ta' din il-Qorti, hemm prova addizzjonali li tikkonsisti fix-xhieda ta' l-importatur u fis-*shipping invoice* u l-*packing list* li gew esebiti mill-attur mac-citazzjoni.

L-ammont tal-pakketti nieqsa gie kkonfermat mill-ufficcjal tad-Dwana u mir-rapprezentant tas-socjeta' attrici li rrefera ghal *survey* li kien sar u li minnu tohorg preciz in-nuqqas (fol 170 – 175). Il-valur ta' *shortages* gie wkoll stabbilit mid-ditta attrici u kkonfermat mill-

importatur. Ghal xi raguni, jidher li hemm diskrepanza bejn l-ammont imhallas fuq il-*claim*, u s-somma reklamata f'din il-kawza. Mid-dokument a fol 159 ( li hija *settlement of claims*), jirrizulta li s-somma imhallsa hija ta' LM4,155 (erbat elef, mija u hamsa u hamsin liri Maltin), izda s-somma reklamata hija ta' biss LM1,677.80 (elf, sitt mija u seba' u sebghin liri Maltin u tmenin centezmi).

Hawnhekk, trid tigi ezaminata l-eccezzjoni l-ohra tas-socjeta' konvenuta dwar il-limitazzjoni ta' responsabbilta'. Skond klawsola 20 tal-*Bill of Lading*, ir-responsabbilta' ta-vapur hija limitata ghall-Lit.200.000 *per package or unit.* Ovvjament, l-fatt li l-*pallets* kollha kienu go *container* ma jfissirx li n-nuqqas huwa ta' *unit* wiehed ghax *container* ma jistax jitqies bhala *package or unit* (ara <u>"Busuttil noe vs Apps noe"</u> deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Ottubru, 1995). In-nuqqasijiet, f'dan il-kaz, gew konstatati f'erba' minn sitt pallets (ara xhieda ta' Victor Gruppetta a fol. 150 tal-process), izda kull *pallet* kellu numru ta' *packages* nieqsa. Skond is-*survey* jirrizulta li n-nieqes kien jikkonsisti fis-segwenti:-

*Pallet no. 1: 960 + 6360 pieces*
*Pallet no. 2: 52 + 32 pieces*
*Pallet no. 3: 91 + 10 pieces*
*Pallet no. 4: 30 pieces.*

Dan iwassal ghal sebat elef, hames mija u tlieta u hamsin (7535) –il pakkett nieqsa. Jekk dan in-numru jigi multiplikat mill-limitazzjoni, l-ammont jitla' ferm aktar mis-somma mitluba!

Id-ditta konvenuta tissottometti li la n-nuqqas kien f'erba *pallets*, jew f'erba *units*, allura l-kumpens ghandu jkun biss ta' Lit. 200,000 x 4. Din il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument ghax bhala fatt ma kienx hemm erba' *pallets* nieqsa, izda numru ta' *packages* minn kull *pallet.* Ghalhekk, dik il-klawsola fil-*Bill of Lading* ma tidhirx li hija applikabbli ghal dan il-kaz.

Fid-dawl tal-premess, it-talbiet ta' l-attur nomine huma gustifikati, izda peress li din il-Qorti hija marbuta mat-talba, d-danni ma jistghux jigu likwidati fis-somma li tirrizulta li giet mhallsa, ghax din tirrizulta akbar minn dik reklamata.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq indikati, din il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta Gollcher Company Limited bhala agenti f'Malta tas-socjeta' Gilnavi Societa di Navigazione s.r.l. Genova armaturi/propjetarji tal-vapur "Robur", tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront ta' din is-socjeta' fil-kwalita' taghha premessa, tiddikjarha responsabbli ghall-hsarat kagjonati fil-mekanzija in kwistjoni u tikkundanna lill-istess socjeta' fil-kwalita' taghha premessa thallas lis-socjeta' attrici, in linea ta' danni, s-somma ta' LM1677.80 (elf, sitt mija u eba' u sebghin liri Maltin u tmenin centezmu) bl-imghaxijiet mid-data tal-presentata ta' din ic-citazzjoni (cioe' mill-5 ta' Ottubru, 1993), u tichad l-istess talbiet attrici fil-konfront ta' l-istess socjeta' indikata fil-kwalita' taghha bhala operatrici ta' Bond privat f'Ricasoli.

L-ispejjez tal-kawza, hlief dawk gia decizi, ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta Gollcher Company Limited fil-kwalita' taghha kkundannata.

**IMHALLEF**

**D/REG**

/ja